MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-6 ta' Settembru, 2011

Numru. 1039/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Malcolm Bondin]**
**[Spettur Chris Pullicino]**

**vs**

**AB**

**Kumpilazzjoni Numru: 1039/11**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi AB.

Akkuzat talli nhar l-1 ta’ Settembru 2011 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda u cioe`;

1. Talli fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Gunju 2011 ghall-habta ta' l-erbgha ta' filghodu, gewwa Triq San Gorg f'San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u sar ghad-dannu ta' Esther De Cozar Munoz u/jew persuna/i ohra;

2. U aktar talli fil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 t'Awissu 2011 ghall-habta ta' l-erbgha u nofs ta' filghodu, gewwa l-Bajja ta' San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u sar ghad-dannu ta' Alessandro Grappi u/jew persuna/i ohra;

3. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 t'Awissu 2011 ghall-habta ta' l-erbgha ta' filghodu, gewwa Triq Santa Rita, San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro)u sar ghad-dannu ta' Chretien Matthieu u/jew persuna/i ohra;

4. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 t'Awissu 2011 ghall-habta ta' n-nofs siegha ta' filghodu, gewwa Triq Santa Rita, San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro)u sar ghad-dannu ta' Julia Rebecca Obrecht u/jew persuna/i ohra;

5. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 t'Awissu 2011 ghall-habta ta' t-tlieta ta' filghodu, gewwa Triq Santa Rita, San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro)u sar ghad-dannu ta' Laura Louise McDonald u/jew persuna/i ohra;

6. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 t'Awissu 2011 ghall-habta ta' l-erbgha ta' filghodu, gewwa San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro)u sar ghad-dannu ta' Viktor David Karpati u/jew persuna/i ohra;

7. U aktar talli fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 t'Awissu 2011 f'xi hin bejn il-hdax ta' bil-lejl u s-siegha u kwart ta' filghodu, gewwa Triq San Gorg, San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro)u sar ghad-dannu ta' Maria Sciberras u/jew persuna/i ohra;

8. U aktar talli fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 t'Awissu 2011 f'xi hin bejn il-hdax u nofs ta' bil-lejl u l-hamsa u kwart ta' filghodu, gewwa San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro)u sar ghad-dannu ta' Estelle Magalie Anita u/jew persuna/i ohra;

9. U aktar talli fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Awissu u l-1 ta' Settembru 2011 ghall-habta ta' l-erbgha u nofs ta' filghodu, gewwa l-Bajja ta' San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u sar ghad-dannu ta' Sonia Alvarez u/jew persuna/i ohra;

10. U aktar talli f'xi lejl matul ix-xhur ta' qabel il-5 ta' Settembru 2011, gewwa San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom arlogg tad-ditta Rolex, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn

u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro)u sar ghad-dannu ta’ persuna/i mhux maghrufa.

11. Talli fil-lejl ta’ bejn il-31 t’Awissu u l-1 ta’ Settembru 2011 f’hinijiet differenti u f’imkejjen differenti gewwa Paceville, San Giljan, ikkommetta serq ta’ diversi mobile phones, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u sar ghad-dannu ta’ diversi persuni mhux maghrufa

12. Talli fil-lejl ta’ bejn il-31 t’Awissu u l-1 ta’ Settembru 2011 ghall-habta ta’ l-erbgha ta’ filghodu, gewwa Triq San Gorg, San Giljan, ikkommetta serq ta’ flus minn gewwa kartiera ta’ persuna barranija, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u sar ghad-dannu ta’ persuna/i mhux maghrufa.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali;

Rat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u l-konferma ta’ tali ammissjoni mill-istess wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu. Rat ukoll illi l-imputat wera ruhu mhux dispost illi jirriforma ruhu u li joqghod ghal xi tip ta’ imposizzjoni ghal regoli fuqu.

Stante ammissjoni qed ssib lill-imputat AB hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u wara li rat l-Artikoli 17(b), 31, 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat piena karcerarja ta’ sitta u tletin (36) xahar, li f’dan il-perijodu l-imputat ghandu jiskontahom fiz-zona tal-habs ghal persuni minorenni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------